## L-Assedju l-Kbir tal-1565 (4)

# L-IMDINA FL-ASSEDJU



JOSEPH SERRACINO



Xena immaġinattiva tal-ġlied qalil u aħrax li sar bejn l-Insara u t-Torok fl-Assedju l-Kbir

Il-waqgħa tal-Forti Sant' Iermu nikktet bis-sħiħ lill-Gran Mastru la Valette. Il-ħsieb li l-belt tal-Imdina kienet iżolata u mbiegħda mill-Port bdiet tħassbu qatigħ. Huwa kien jaf li waqt li l-Forti ta' Sant' Anġlu –imsaħħaħ tajjeb bis-swar tal-Birgu, u dawk ta' San Mikiel – imdawwar bis-swar tal-Isla, kienu b'saħħithom biżżejjed biex iżommu assedju fit-tul, il-belt tal-Imdina, imdawra bi swar qodma u mħarsa minn għadd żgħir ta' kavallieri u bi gwarniġjon ta' suldati Maltin, ma kinitx kapaċi żżomm assedju fit-tul.

Fl-ewwel jiem tal-assedju, l-Imdina kienet kwieta, iżda ftit mili 'l bogħod minnha kien hemm min qiegħed jaħseb fuqha u beda jhewden x'seta' jagħmel biha kieku kellha taqa' taħt idejh. Il-Ġeneral Mustafa Baxa miksur mal-Ammirall Piali għax ma kien jaqbel f'xejn miegħu, kien qiegħed jhewden x'kien beħsiebu jagħmel jekk l-assedju jieħu fit-tul u tidħol ix-xitwa.

It-telf ta' aktar minn 9,000 suldat Tork fl-attakki fuq il-Forti Sant' Jiermu ħassbu ħafna, iżda ċertament li r-rebħa tal-forti barra li kienet ta' sodisfazzjon personali għalih għenet ukoll biex tgħolli l-moral għas-suldati tiegħu.

F'daqqa waħda hu ddeċieda li jaħbat għall-Imdina b'forza kbira u jirbaħha…

Huwa kien tal-fehma, li jekk wara l-waqgħa tal-Forti Sant' Jiermu huma kienu se jkomplu bl-attakki tagħhom fuq il-fortizzi ta' Sant'Anġlu u ta' San Mikiel, huma riedu ta' bilfors li jsibu post addattat fejn setgħu jżommu s-suldati tagħhom flimkien, minflok iħallulhom maqsumin taħt it-tined fil-Marsa, fuq Kordin u l-kumplament fuq ix-xwieni fil-Port ta' Marsamxett. Għalhekk hu kien tal-fehma li l-aktar post addattat għas-suldati tiegħu, l-aktar jekk l-assedju kien se jitwal sax-xitwa, kienet il-belt kapitali ta' Malta: l-Imdina.

Dan il-ħsieb għoġbu ħafna! Huwa kien jaf li jekk jirnexxilu jaħtaf din il-belt taħt idejh, barra li kien ikun jista' juża l-kanuni u l-porvli maħżuna fil-belt kontra l-istess kavallieri li kienu magħluqin ġewwa l-fortizzi tal-Port, huwa kien ikollu l-kredtu li jgħid lis-Sultan Sulejman li ħataf taħt idejh il-belt kapitali tal-gżira.

Bil-ħsieb li seta' jaqta' figura tajba mas-Sultan, hu bagħat għall-ġenerali tiegħu, u fost ħafna kliem ta' tifħir għall-qlubija kbira li wrew kontra l-kavallieri fil-waqgħa tal-Forti ta' Sant' Jiermu, huwa ħeġġiġhom u qawwilhom qalbhom għall-attakk kbir li hu kien biħsiebu jagħmel fuq il-belt tal-Imdina.

Fost ħafna kliem huwa qalilhom li peress li fl-attakki fuq Sant' Jiermu kienu tilfu ħafna nies, huwa kien tal-idea, li qabel ikompli l-attakki fuq iż-żewġ fortizzi tal-port, jassedja l-Imdina, li fil-fehma tiegħu kienet l-inqas fortizza b'saħħitha fost it-tlieta. Jingħad, li l-kursar Dragut, li kien maħtur minn Sultan Sulejman bħala ajjutant ta' Mustafa, kien tal-fehma li qabel ma jassedjaw lill-Forti Sant' Jiermu, huma kellhom jaħbtu għall-Imdina, għax jekk taqa' f'idejhom il-belt ewlienija ta' Malta, il-gżira ta' Għawdex taqa' magħha mingħajr ġlied, imbagħad wara kien ikollhom żmien biżżejjed biex ikomplu jassedjaw iż-żewġ fortizzi tal-port. Iżda peress li meta wasal Dragut l-attakki fuq Sant' Jiermu kienu diġà bdew, huwa ma oġġezzjonax, iżda għamilha ċara mill-ewwel li hu ma qabilx mad-deċiżjoni li ttieħdet.

Mustafa kompla jgħidilhom, li din il-belt, barra li kienet ta' priża kbira għas-Sultan maħbub tagħhom, kienet se tkun ta' kenn għas-suldati jekk l-assedju jidħol fix-xhur tax-xitwa. Meta l-ġenerali għarblu tajjeb il-ħsieb ta' Mustafa, għamlu kuraġġ kbir u dehru kuntenti, l-aktar meta huma stennew b'ħerqa kbira, bi kważi ċertezza, li l-belt tal-Imdina kienet se taqa' f'idejhom fi ftit jiem oħra.

Mill-għada stess it-Torok bdew jippreparaw biex javvanzaw it-truppi tagħhom lejn l-Imdina. Ġara iżda, li l-Gvernatur tal-belt, Don Mesquita, bil-ħila tal-ispiji li kellu fil-kamp Tork, sar jaf bil-pjan ta' Mustafa, u għalhekk, minn dak il-ħin stess beda jħejji pjan biex jilqa' l-assalt li kienu beħsiebhom jagħmlu t-Torok fuq l-Imdina. Peress li qabel l-assedju, Don Mesquita kien aċċetta t-talba ta' xi kavallieri u suldati biex imorru jiddefendu lil Sant' Jiemu u lil San Mikiel issa ġewwa l-Imdina ma kienx fadallu suldati biżżejjed biex jiddefenduha kif xtaq hu. Barra minhekk, hu kien jaf li s-swar tal-Imdina ma kinux b'saħħithom biżżejjed, u peress li l-belt kienet mimlija nies, li fil-maġġoranza tagħhom kienu nisa u tfal, huwa kien konxju mill-konsegwenzi li setgħu jinqalgħu jekk l-assedju jieħu fit-tul jew il-belt taqa' f'idejn it-Torok.

Ix-xwejjaħ gvernatur, imħasseb dwar il-qagħda ħażina tas-swar, u beżgħan bid-deċiżjoni ta' Mustafa li jattakka l-Imdina, waqt li minn fuq it-trunċieri beda josserva lill-armata Torka tavvanza bil-mod il-mod għal taħt is-swar, minmoħħu bdew għaddejjin ruxxmata ħsibijiet kif seta' jżomm l-assedju imqar għal ftit jiem, bit-tama li tilħaq tasal l-għajnuna mwiegħda minn Sqallija – għajnuna li hi biss setgħet tgħolli l-moral tal-Maltin u tal-kavallieri li kienu assedjati wara s-swar ta' Sant' Anġlu u San Mikiel.

F'daqqa waħda għaddielu ħsieb u għoġbu ħafna! Sejjaħ lill-kmandanti tiegħu, u waqt li ħeġġiġhom jagħmlu kuraġġ, ordnalhom ipoġġu numru ta' kanuni fuq innaħa li l-ispiji tiegħu ndikawlu li t-Torok kienu beħsiebhom jattakkaw. Barra minhekk, huwa ordna wkoll li numru ta' nisa jilbsu ta' suldati u flimkien mas-suldati regolari joqogħdu jippassiġġaw fuq is-swar taparsi qegħdin jagħmlu l-għassa. Kulħadd obda l-ordni għaqlija ta' Don Mesquita, u ftit tal-ħin wara, id-difensuri dehru li kienu lesti u ppreparati għal kull attakk tal-għadu.

Meta l-ġenerali Torok waslu taħt l-Imdina mat-truppi tagħhom u osservaw li l-belt fortizza kienet mgħammra tajjeb b'ħafna kanuni u ffortifikata bi swar għoljin, intebħu li l-informazzjoni li kellhom kienet żbaljata.

Mustafa beżgħan li assedju fit-tul kien ifisser telf ta' aktar suldati, bagħat wieħed mill-uffiċjali tiegħu jkellem lill-Gvernatur Mesquita u offrilu, li jekk iċedi l-belt, huwa kien lest li jħallihom jgħixu ta' Nsara. Kif it-Tork għadda l-messaġġ lill-Gvernatur, xi wħud mill-kbarat Maltin, mgħaddbin bl-aġir arroganti tiegħu, tilfu rashom u ppruvaw iħebbu għalih, iżda mn'alla fil-pront issejħet il-gwardja personali tal-Gvernatur li kkontrollat is-sitwazzjoni għax kieku żgur li l-uffiċjal Tork kien jispiċċa ħażin.

Il-wasla tal-eżerċitu Tork taħt l-Imdina ntlaqgħet b'tiri tal-kanuni. It-Torok maħsudin u sorpriżi bl-atteġġjament tad-difensuri Maltin waqqfu l-avvanzata tagħhom, u fost stagħġib kbir fuqhom bdew jgħidu, "... din il-belt hi Sant' Jiermu ieħor ... din il-fortizza hija qawwija daqs iż-żewġ fortizzi ta' ħdejn il-baħar..." Kien hemm waqtiet li l-laqgħa li tawhom id-difensuri Maltin ġabet magħha konfużjoni kbira fil-kamp Tork, tant li l-kapijiet tagħhom sabuha diffiċli biex jikkontrollawhom u jġiegħluhom jibdew l-attakk fuq l-Imdina. Għalhekk minnufih marru jikkonsultaw ma' Mustafa biex jaraw x'se jagħmlu. Il-Ġeneral Mustafa, imħasseb bis-sitwazzjoni li sab quddiemu u mistagħġeb bil-qlubija tal-Maltin, u wisq aktar mifxul bir-rifjut li jċedu l-armi, waqt li għal ftit tal-ħin qagħad josserva tajjeb id-difiża tas-swar tal-Imdina minn taħt ir-Rabat, iddeċieda li jibgħat xi inġinieri Torok biex jitkixfu tajjeb fejn kienet l-aħjar pożizzjoni fejn setgħu jattakkaw. Meta l-ispiji Torok waslu lura stqarrew li s-swar kollha kienu mimlijin suldati, saħansitra anke l-iktar swar għoljin kienu mgħassin tajjeb.

B'dan it-tagħrif il-ġenerali kkonkludew li l-Imdina, barra li kienet mgħassa tajjeb u mgħammra b'kanuni u b'ħażna kbira ta' munizzjon, setgħet ukoll iżżomm assedju għal bosta xhur. Meta Mustafa studja sewwa l-qawwa tal-belt-fortizza li kellu quddiemu, u x'effett seta' jkollu assedju twil fuq is-suldati tiegħu, biddel fehmtu u ta ordni biex it-truppi kollha jirtiraw minnufih lejn il-Marsa, biex mill-għada, b'forża kbira mill-art u mill-baħar jattakkaw liż-żewġ fortizzi tal-port flimkien.

Kontra qalbu, Mustafa kellu jħalli l-assalt tiegħu fuq l-Imdina għal darb'oħra...

Issa moħħu kien biss biex iħejji pjan li bih seta' jirnexxilu jaħtaf taħt idejh lil Sant' Anġlu u lil San Mikiel, qabel ma l-Ammiral Piali jerġa' jibda jirsisti li jrid jirritorna lejn it-Turkija minħabba t-telf kbir li huma kienu qegħdin jsofru ta' kuljum kontra x-xwabel u dirgħajn b'saħħithom tal-Insara. Huwa kien jaf tajjeb, li l-waqgħa tal-Forti Sant' Anġlu u tal-Forti San Mikiel tkun tfisser l-akbar telfa għall-Ordni ta' San Ġwann u l-kisba taż-żewġ ġawhar prezzjużi għas-Sultan tiegħu.

Iżda l-kisba tal-belt tal-Imdina dejjem baqgħet tidwi f'moħħu! Hu kien riżolut, li 'l quddiem iħejji pjan li permezz tiegħu jassalta lill-belt-fortizza u finalment jirbaħha!

Hekk kif ix-xwejjaħ Don Mesquita minn fuq is-swar ra lit-Torok jabbandunaw il-pożizzjonijiet tagħhom u reġgħu qabdu triqthom lura lejn il-Marsa, huwa niżel jingħaqad mal-kavallieri, suldati u l-poplu miġburin fil-pjazza ta' quddiem il-katidral f'ringrazzjament lil Alla għall-miraklu kbir li kien għamel magħhom.

Kemm kien kbir il-miraklu kienu jafuh biss Don Mesquita u dawk ta' madwaru, iżda xi wħud mill-istoriċi jsostnu, li l-munizzjon tal-provli u l-balal tal-kanuni tant kienu ftit f'dak iż-żmien fl-Imdina li kien ikun impossibbli li l-belt kapitali żżomm assedju aktar minn ftit ġranet….





Is-Sultan Tork Sulejman